# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 6-12

**Data: 29 ta' Mejju** 2012

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 04.12 u 05.12 gew moqrija u approvati b'vot unanimu fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Vici Sindku Norbert Grech.

**2. Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Rotta l-gdida tal-karozza tal-linja.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ftit tal-jiem ilu ir-rotta tal-karozza nru 3, inbidlet u regghet giet ir-rotta l-antika b'eccezzjoni r-rotta minn Triq Santu Rokku. Huwa qal ukoll li sar ftehim ma Transport Malta sabiex fir-revizjoni li jmiss tizdied ir-rotta ta' Santu Rokku, skond l-ammont ta' lmenti minn nies.

2.2. Skema tad-Djar – Manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ghamel talba ohra sabiex tizdied blokka ohra sabiex il-blokok tal-area jkunu kompluti. Din il-proposta giet accettata mill-Awtorita tad-Djar sabiex b'hekk ser ikun hemm total ta' 11 il-blokka li ser issirilhom il-manutenzjoni necessarja fil-komuni. Il-perita tal-Awtorita ser tipprodvi l-lista ta' kuntratturi li ghamlu x-xoghol f'binjiet tal-Gvern fis-snin li ghaddew u li se jghamlu x-xoghol b'koridnament mal-amministraturi skond il-priorita tax-xoghol li nghatat mill-istess awtorita'. Il-perita kellha zzur il-blokok kollha msemmija sabiex tikkonferma l-lista tax-xoghol li ser isir.

Dwar l-iskema l-ohra tar-Rigenerazzjoni f'oqsma tal-Binjiet tal-Gvern, is-Sindku qal li ghandha ssir applikazzjoni tal-MEPA peress li ghandha ssir Full Development Pemission. Hemm il-bzonn ukoll li tinhareg sejha ghall-offerti ghax-xoghol mehtieg.

2.3 Gemellagg.

Is-Sindku qal li s-Sindku ta' Crespellano ma jistax jattendi ghall-inawgurazzjoni tal-Mafkar tal-Gwerra. Huwa qal ukoll li f'kaz li jkun hemm xi zghazagh interessati jigu jitghallmu l-ingliz fil-Kalkara, tigi evalwata l-possibilta li tintuza l-guest house il-gdida li nfethet fil-Kalkara sabiex jigu ffrankati l-ispejjez ghat-trasport.

## 3 Komunikat mis-Sindku approvazzjoni ta' xogholijiet.

3.1 Xogholijiet.

3.1a Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xoghol fuq il-mafkar tal-Gwerra issa tlesta u jonqos li jitwahhlu l-hamiem li kellhom ikunu lesti din il-gimgha.

3.1b Qed isiru xogholijiet ta' manutenzjoni fil-pjazza liema xoghol qieghed jintlaqa tajjeb minn dawk kollha li jiffrekwentaw din il-pjazza. Kif jitlesta x-xoghol fil-pjazza jitkompla x-xoghol fil-bandli.

3.1c Saru wkoll bolards sabiex tibda tinghalaq il-pjazza tas-Sagra Familja.

3.1d Xogholijiet ta' resurfacing ta' toroq.

Ix-xoghol ta' resurfacing minn TM beda fi Triq il-Genista, Triq il-Luzzu, Triq il-Kajjik u Triq iz-Zebbug. Is-Sindku qal li dahlu diversi lmenti dwar il-qlib tat-triq sabiex jigi jaqleb mal-faccata tar-residenti. Dan l-ilment tressaq lil perita inkarigata mix-xoghol ta' TM.

3.1e Is-Sindku qal li qed isir ix-xoghol fil-garaxx li ghadu kif gie devolut lill-Kunsill mill-haddiema assenjati mal-Kunsill.

3.1f Dwar il-hofor li hemm fit-Triq San Leonardu u Triq il-Missjoni Taljana dawn ghandhom isiru fil-gimghat li gejjin. Il-Vici Sindku qal ukoll li t-trakkijiet ghadhom jghaddu minn Triq Santu Rokku u Triq San Leonardu imma mhux bl-ispeed u frekwenza bhal qabel.

3.1g Xoghol fil-Bajja ta' Rnella.

Is-Sindku kellu diskussjonijiet ma raprezentanti tal-MRRA fejn il-haddiema ser jinfurzaw taht it-triq. Dan ix-xoghol ser jiehu madwar 8 sa 10 gimghat. Ser isiru l-fanali mad-dawra tal-bajja fiz-zmien li gej. Il-Press Conference li saret fuq il-post swiet hafna minhabba li kien minhabba f'hekk li ccaqlaq ix-xoghol. Il-bajja qieghda titnaddaf mill-gebel mill-Beach Cleaner. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgha mad-direttur tal-MRRA fejn is-Sindku wera l-qbil sabiex issir afforestazzjoni fit-telgha mad-dawra tal-fortizza Ricasoli. Dan billi jsir hajt mad-dawra kollha u titnaddaf l-area msemmija. Wara tinghalaq b'kancell u l-Kunsill jibda jiehu hsieb il-manutenzjoni tieghu.

3.1h Tank Cleaning Farm fir-Ricasoli/Rnella.
Is-Sindku qal li dahlu diversi rapporti kontra l-progett tat-Tank Cleaning fil-Bajja ta' Rnella, ghalhekk huwa ppropona sabiex l-ewwel isiru l-laqghat ma min hu responsabbli mill-proposti ta' dan il-progett umbghad il-Kunsill jerga jiddiskuti dawn il-proposti. Dan dejjem ghandu jsir b'salvagwardjar tal-bajja kif ukoll tar-residenti li jiffrekwentaw din il-bajja sabiha ta' Rnella.

Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li dahlulha diversi ilmenti minn diversi nies li fil-bajja fejn il-mini qieghed jizloq hafna minhabba li jitla l-ilma fuq l-art. Is-Sindku qal li ghandhom isiru r-rapporti lil min hu responsabbli.

## 4. Korrispondenza.

4.1 Il-Lista tal-mistednin ghall-inawgurazzjoni tal-Mafkar giet riveduta mill-Kunsill.

4.2 Talba ghan-No objection ghall-isparar tal-loghob tan-nar minn fejn Bighi mill-ghaqda tal-festa San Lawrenz tal-Birgu.

Is-Sindku qal li saret talba mis-Sur Noel Castillo f'isem il-Kumitat tal-Ghaqda Piroteknika tal-Kazin ta' San Lawrenz tal-Birgu sabiex dawn jisparaw minn Bighi fl-okkazjoni tal-festa ta' San Lawrenz. Is-Sindku qal li ghal din is-sena, wara dak li gara s-sena l-ohra fuq incidenti li saru fil-Boatyard, il-Kunsill huwa tal-parir li ma jinharaqx nar minn dawk l-inhawi minhabba zviluppi godda li sehhew dan l-ahhar mill-Yacht Marina. Il-Kunsill qabel ma din il-pozizzjoni.

4.3 Talba mill-Minsiteru ghas-Sahha, l-Anzjani u Kura fil-komunita, lill-Kunsill Lokali u l-haddiema sabiex nhar is-Sibt 2 ta' Gunju 2012 jmorru jaghtu d-demm fin-National Blood Transfusion Service fi Gwardamangia. Il-Kunsilliera qalu li hadt minnhom m'hu tajjeb sabiex jaghti d-demm.

4.4 Kiri ta' Banadar Maltin mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ghall-attivita tal-inawgurazzjoni tal-Mafkar tal-Gwerra. Il-prezz tal-kirja ta' dawn il-bnadar huwa ta' 4.66 ewro fuq kull bandiera u depozitu ta' 23.29 ghall-kull bandiera, liema depozitu jerga jinghata lura meta l-bnadar jigu ritornati lura lill-Minsiteru. Il-Kunsill Lokali ghandu bzonn ta' 30 bandiera Maltija ghal din l-okkazjoni. Il-Kunsill qabel ma din l-ispiza.

4.5 Talba mill-kumpannija Elbros Construction sabiex jigi estiz il-permess ghat-tower crane fi Triq il-Kapuccini sal-ahhar ta' Lulju minhabba li kien hemm problemi ma certi permessi tal-MEPA. Il-Kunsill laqa' din it-talba.

4.6 Talba mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp sabiex isir monument minflok is-sigra tal-Fikus fl-iskorfina fix-Xatt tal-Kalkara ghall-gheluq tal-25 sena tal-Gublew tal-Fidda tal-istess Ghaqda. Il-Kunsill Lokali qabel ma din it-talba suggett li x-xoghol imsemmi jsir mill-Ghaqda li qed tghamel din it-talba.

4.7 Is-Sindku qal li qed jigi propost minn diversi persuni li jiffrekwentaw il-Pjazza Sagra Familja sabiex jiccaqlaq il-Bust tal-Mro Lorenzo Gonzi. Huwa qal li tkellem ma dawn il-persuni

u talabhom sabiex l-Ghaqda Muzikali Circolo San Giuseppe Socjeta Filarmonika Sagra Familja taghmel it-talba bil-miktub u l-Kunsill ikun lest li jaghmel ix-xoghol kif mitlub u miftiehem bejn iz-zewg organizzazjonijiet.

4.8 Permess tal-MEPA - PA 4141/09 – Zvilupp tal-Bini tal-Wied tal-Kalkara

Dwar id-decizjoni tal-MEPA ghal dan il-permess, is-Sindku qal li sa llum ma kien hemm l-ebda rispons minn TM dwar il-Culverts ghat-triq il-Kapuccini. Il-Kunsill qieghed jaqbel li sakemm ma jkunx hemm assigurazzjoni illi l-izvilupp propost mhux se jkollu mpatt negattiv fuq residenti tal-madwar tibqa ssir l-oggezzjoni kontra l-progett. Jekk ikun hemm zviluppi godda u l-Kunsill ikun konvint li mhux ser ikun hemm impatt waqt li qed isir ix-xoghol allura l-Kunsill ghandu jara li jekk jinhareg il-permess il-Kunsill ikun involut fil-process biex jibqa jissalvagwardja l-interessi tar-residenti.

4.9 Xoghol fl-Isqaq l-Ixprunara.

Ix-xoghol fl-Isqaq l-Ixprunara huwa wieqaf minhabba li l-permessi tal-WSC ghadhom ma hargux. Ghandha tohrog sejha ghall-paving tiles / slabs u maghha jigi nkorporat ukoll il-materjal ta' Isqaq Marina Nru 1. Dan ix-xoghol ser isir bil-fondi mill-Urban Improvement Fund.

## 5. Tender Street Sweeping u s-servizz tal-Bulky refuse.

Il-Kunsill evalwa l-offerti li dahlu u wara diskussjoni li saret b'sistema ta' punti fuq diversi fatturi l-Kunsill iddecieda li l-ahjar offerta u l-ahjar servizz jidher li jista jinghata mis-Sur Saviour Mifsud. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta. Il-Kuntratt ghandu jibda mill-1 ta' Gunju 2012.

## 6. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti.

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 5/6-12.

## 9. Aggornament

Is-Seduta spiccat fit-7.30 ta' filghaxija u aggornata sine dia

M.Cohen S Galea Iriele
Sindku Seg Ezekuttiv